MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Talba Numru. 702/2008

**Swan Laundry and Dry Cleaning Limited (C2708)**

**vs**

**Santacroce Malta Limited u**
**Vincenzo Accolla (passaport numru AK9932506)**

(fil-konfront ta' Santacroce Malta Limited biss)

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' elfejn, erba' mija u tlieta u tletin Euro u erbatax-il centezmu (€2,433.14), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' '*laundry services*' rezi lis-socjeta' konvenuta u lil Vincenzo Accolla.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 2640/08 u bl-imghax kummercjali mis-26 ta’ Awissu, 2008, li hija d-data ta’ l-ahhar ‘*invoice*’ kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-attti li s-socjeta’ konvenuta Santa Croce Malta Limited ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Ra illi gie pprezentat kapitolu fis-seduta tas-17 ta’ April, 2009 mill-Avukat Karen Farrugia u l-fatt illi s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra illi s-socjeta’ konvenuta naqset tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skont il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------